**A.L. 135 tal-2024**

## ATT DWAR IL-PATRIMONJU KULTURALI (KAP. 445)

## Regolamenti tal-2024 dwar l-Organizzazzjoni ta' Riċevimenti tat-Tiġijiet fil-Foss taċ-Ċittadella

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 72 tal-Att dwar il-Patrimonju Kulturali, il-Ministru responsabbli għall-patrimonju kulturali għamel dawn r-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u għan.

**1.** (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2024 dwar l-Organizzazzjoni ta' Riċevimenti tat-Tiġijiet fil-Foss taċ-Ċittadella.

(2) L-għan ta' dawn ir-regolamenti hu sabiex tiġi regolata l-organizzazzjoni ta' riċevimenti tat-tiġijiet fil-foss taċ-Ċittadella u biex jipprovdu dwar affarijiet anċillari għall-istess organizzazzjoni, bħala attivitajiet li jaffettwaw il-proprjetà kulturali.

Tifsir.

**2.** F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

Kap. 445.

"Att" tfisser l-Att dwar il-Patrimonju Kulturali;

"Ċittadella" tfisser il-post storiku tal-fortifikazzjonijiet taċ-Ċittadella, magħruf ukoll bħala s-Sur ta' Għawdex, ġewwa l-konfini tal-lokalità tar-Rabat (Ċittà Victoria), u tinkludi l-foss;

"Direttorat" tfisser id-Direttorat għall-Wirt Kulturali fi ħdan il-Ministeru;

"Ministeru" tfisser il-Ministeru assenjat ir-responsabbilità ministerjali tal-Affarijiet dwar Għawdex;

"riżerva" tfisser ir-riżerva magħmula minn persuna fiżika li permezz tagħha l-istess persuna titlob li l-foss taċ-Ċittadella jkun riżervat għaliha.

Il-foss taċ-Ċittadella bħala post fejn jistgħu jiġu organizzati riċevimenti tat-tiġijiet.

**3.** (1) Il-Ministeru għandu jkollu r-responsabilità tal-foss taċ-Ċittadella għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti.

(2) Persuni fiżiċi jistgħu jitolbu li l-foss taċ-Ċittadella jkun riżervat għalihom għal skop ta' organizzazzjoni ta' riċevimenti tat-tiġijiet.

(3) Id-Direttorat għandu jkun responsabbli għall-amministrazzjoni tar-riżervi tal-foss taċ-Ċittadella magħmula skont dawn ir-regolamenti.

(4) Id-Direttorat għandu, bla ħsara għal dawn ir-regolamenti, iħejji u jippubblika politika li tirregola r-riżerva u l-użu tal-foss taċ-Ċittadella għal skop ta' organizzazzjoni ta' riċevimenti tat-tiġijiet. L-imsemmija politika għandha tinkludi dawk id-dettalji, il-projbizzjonijiet, il-limitazzjonijiet u l-linji gwida rilevanti kif huma meħtieġa għall-protezzjoni u l-aħjar preservazzjoni u konservazzjoni tal-foss taċ-Ċittadella bħala parti minn propjetà kulturali.

(5) Id-dritt pagabbli għar-riżerva u l-użu tal-foss għandu jkun dak ta' ħamest elef euro (€5,000), liema ħlas għandu jsir fit-totalità tiegħu għal kull riċeviment tat-tieġ.

(6) Għall-finijiet ta' kwalunkwe liġi rilevanti, il-foss taċ-Ċittadella għandu jkun post fejn jistgħu jiġu organizzati riċevimenti tat-tiġijiet.

Talba sabiex il-foss jiġi riżervat.

**4.** (1) Id-Direttorat għandu jħejji formola ta' riżerva li permezz tagħha persuna tista' titlob li l-foss jiġi riżervat għal skop ta' organizzazzjoni ta' riċeviment tat-tieġ. L-imsemmija formola ta' riżerva għandu jkun fiha dawk l-ispazji adattati għal tali dettalji li d-Direttorat jidhirlu xieraq li għandhom jingħataw mill-persuna li tkun qiegħda tissottometti tali formola.

(2) Id-Direttorat għandu jippubblika fuq is-sit web tiegħu u fil-Gazzetta l-formola ta' riżerva flimkien mal-politika msemmija fir-regolament 3(4):

Iżda l-imsemmija pubblikazzjonijiet għandhom isiru kull darba li d-Direttorat jaġġorna l-formola ta' riżerva jew il-politika msemmija fir-regolament 3(4).

(3) Id-Direttorat għandu jagħmel disponibbli lill-pubbliku tali informazzjoni li tispeċifika dawk il-ġranet u dawk il-ħinijiet li huma diġà riżervati jew li hemm talba li jiġu riżervati.

(4) Il-formola ta' riżerva għandha tiġi sottomessa fi żmien erba' (4) ġimgħat qabel id-data indikata fl-istess formola:

Iżda f'każ li jiġu indikati aktar minn data waħda (1) f'talba sabiex il-foss ikun riżervat għal aktar minn ġurnata waħda (1), il-limitu ta' żmien imsemmi f'dan is-subregolament għandu jittieħed mid-data tal-ewwel ġurnata indikata.

(5) Bis-sottomissjoni tal-formola ta' riżerva, il-persuni

responsabbli għall-organizzazzjoni tar-riċeviment tat-tieġ ikunu qegħdin jaċċettaw il-kontenut tal-politika bħala t-termini u l-kondizzjonijiet għall-użu tal-foss.

(6) Mas-sottomissjoni tal-formola ta' riżerva, id-Direttorat għandu fi żmien jumejn (2) tax-xogħol jimmarka dawk il-ġranet u l-ħinijiet indikati fil-formola bħala li hemm talba li jiġu riżervati f'tali informazzjoni rilevanti disponibbli għall-pubbliku.